PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2011/0365(COD)**

10.9.2012

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża
(COM(2011)0750 – C7-0441/2012 – 2011/0365(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Hélène Flautre

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Regolament li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, li jinkludi dispożizzjonijiet li jappoġġaw miżuri meħuda fi u fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati politiki koerenti tal-Unjoni rigward pajjiżi terzi, u għalhekk il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod ċar fir-Regolament ir-rwol ewlieni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna f'dan ir-rigward, inkluż fi kwalunkwe azzjoni mwettqa fil-qafas tal-politika tas-sigurtà interna tal-UE.

B'mod partikolari, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jeħtieġ li jingħata rwol aktar b'saħħtu biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri ma jmorrux kontra l-prinċipji ewlenin tal-politika esterna tal-UE, kif stabbilit fl-Artikolu 21 TUE, u l-impenn tal-Unjoni li tfittex l-avvanz tagħhom fid-dinja.

Konsegwentement, l-opinjoni tenfasizza li l-miżuri tal-kontroll tal-fruntieri ffinanzjati mill-fond m'għandhom fl-ebda ċirkostanza jwasslu għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u fundamentali u li għandha tiġi garantita l-protezzjoni dovuta tad-drittijiet ta' dawk li jfittxu l-asil u tar-rifuġjati. Għal dan il-għan, dan l-Istrument għandu jsaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi u s-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, dan l-Istrument jeħtieġ li jindirizza l-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali fil-fruntieri, f'konformità mal-acquis tal-asil u l-prinċipju ta' non-refoulement.

L-opinjoni tenfasizza r-rabta essenzjali bejn il-politika dwar il-viża u l-mobilità meta jitqies li l-viża hija strument sostanzjali għall-mobilità. Konsegwentement, jeħtieġ li din id-dimensjoni tissaħħaħ sabiex tapprova l-perspettivi mogħtija mill-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità, notevolment biex tiżviluppa u tiżgura l-mobilità f'ambjent sikur.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-objettiv tal-Unjoni li ***tiżgura livell għoli ta' sigurtà fi*** spazju ta' *Libertà, Sigurtà* u *Ġustizzja* (l-Artikolu ***67 (3***) tat- | (1) L-objettiv tal-Unjoni li ***toffri liċ-ċittadini tagħha*** spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ***mingħajr fruntieri interni, li fih*** |

| | |
|---|---|
| Trattat dwar ***il-Funzjonament tal-Unjoni***) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni u kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta saffi li ***għandha l-għan*** li tiffaċilita ***l-ivvjaġġar leġittimu u l-ittrattar tal-immigrazzjoni illegali***. | ***il-moviment liberu tal-persuni huwa garantit*** (l-Artikolu ***3(2***) tat-Trattat dwar ***l-Unjoni Ewropea (TUE***)***),*** għandu jinkiseb ***skont il-prinċipju ta' solidarjetà u ta' kondiviżjoni ekwa tar-responsabbiltajiet***, inter alia, permezz ta' miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni u kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta saffi***,*** li ***hija ġusta fil-konfront ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u timmira*** li ***torganizza u*** tiffaċilita ***l-migrazzjoni regolari u l-mobilità, filwaqt li tiġġieled kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-bnedmin (Artikolu 67(2) u (3), Artikolu 71(1) u Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE))***. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, iċ-ċarezza dwar id-diviżjoni tal-inkarigi, ir-rispett għad-drittijiet ***fundamentali*** u l-istat tad-dritt kif ukoll enfasi qawwija fuq il-perspettiva globali u ***r-rabta inseparabbli mas-sigurtà esterna huma*** prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna. | (3) Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, iċ-ċarezza dwar id-diviżjoni tal-inkarigi, ir-rispett ***għal-libertajiet fundamentali u*** għad-drittijiet ***tal-bniedem*** u l-istat tad-dritt kif ukoll enfasi qawwija fuq il-perspettiva globali u ***rispett sħiħ tal-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-politika estera kif preskritti fl-Artikolu 21 TUE għandhom ikunu*** prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Fond għandu għalhekk jiġi stabbilit bħala qafas komprensiv għall-appoġġ finanzjarju tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna li jinkludi l-istrument stabbilit minn dan ir-Regolament kif ukoll ***l-istrumenti stabbiliti*** mir-Regolament ... / 2012/UE li jistabbilixxi ***bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna,*** l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi. ***Dan il-qafas*** komprensiv għandu jiġi kkumplimentat mir-Regolament ... / 2012/UE li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi li dan ir-Regolament għandu jirreferi għalih fir-rigward tar-regoli dwar il-programmazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-ġestjoni u l-kontroll, is-saldu tal-kontijiet, l-għeluq ta' programmi u r-rappurtar u l-evalwazzjoni. | (6) Il-Fond għandu għalhekk jiġi stabbilit bħala qafas komprensiv għall-appoġġ finanzjarju tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna li jinkludi l-istrument stabbilit minn dan ir-Regolament***, relatat mal-fruntieri esterni u l-viża,*** kif ukoll ***l-istrument stabbilit*** mir-Regolament ... / 2012/UE li jistabbilixxi l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi. ***Dawn iż-żewġ strumenti għandhom jiffunzjonaw, sa fejn huwa possibbli, b'mekkaniżmi identiċi ta' għoti, bħala qafas*** komprensiv***, li*** għandu jiġi kkumplimentat mir-Regolament ... / 2012/UE li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi li dan ir-Regolament għandu jirreferi għalih fir-rigward tar-regoli dwar il-programmazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-ġestjoni u l-kontroll, is-saldu tal-kontijiet, l-għeluq ta' programmi u r-rappurtar u l-evalwazzjoni. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Fl-eżekuzzjoni ta' inkarigi fil-fruntieri esterni u l-konsulati skont l-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viża, l-Istati Membri jwettqu attivitajiet fl-interess ta' u f'isem l-Istati Membri l-oħra kollha fiż-żona Schengen u għalhekk jagħmlu servizz pubbliku għall-Unjoni. Biex jesprimi | (11) Fl-eżekuzzjoni ta' inkarigi fil-fruntieri esterni u l-konsulati skont l-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viża, l-Istati Membri jwettqu attivitajiet fl-interess ta' u f'isem l-Istati Membri l-oħra kollha fiż-żona Schengen u għalhekk jagħmlu servizz pubbliku għall-Unjoni. Biex jesprimi ***fil-*** |

| | |
|---|---|
| solidarjetà, l-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-ispejjeż operattivi relatati mal-kontroll tal-fruntieri u l-poltika dwar il-viża u jippermetti li l-Istati Membri sistematikament iżommu kapaċitajiet kruċjali għal dak is-servizz għal kulħadd. . Tali appoġġ jikkonsisti minn rimborż sħiħ ta' għażla ta' spejjeż relatati mal-objettivi taħt dan l-istrument u se jifforma parti integrali mill-programmi nazzjonali. | ***prattika*** solidarjetà, l-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-ispejjeż operattivi relatati mal-kontroll tal-fruntieri u l-poltika dwar il-viża u jippermetti li l-Istati Membri sistematikament iżommu kapaċitajiet kruċjali għal dak is-servizz għal kulħadd. Tali appoġġ jikkonsisti minn rimborż sħiħ ta' għażla ta' spejjeż relatati mal-objettivi taħt dan l-istrument u se jifforma parti integrali mill-programmi nazzjonali. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) ***Dan*** l-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. | (13) ***Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-immigranti u tar-rifuġjati huwa ta' importanza fundamentali għall-Unjoni.*** L-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Dritt tal-Baħar, it-trattati tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Biex jiġi żgurat kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u biex ***jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu fost il-fruntieri esterni*** fil-qafas tal-istrateġija tas- | (14) Biex jiġi żgurat kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u biex ***jiġu organizzati u ffaċilitati l-migrazzjoni regolari u l-mobilità*** fil-qafas tal-istrateġija |

| | |
|---|---|
| sigurtà interna tal-UE, għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri, li tinkludi l-miżuri kollha dwar il-politika, il-leġiżlazzjoni, il-kooperazzjoni sistematika, id-distribuzzjoni tal-piż, il-persunal, it-tagħmir u t-teknoloġija meħudin f'livelli differenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jaġixxu f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Frontex, ma' terzi pajjiżi u, fejn meħtieġ, ma' atturi oħra, bl-użu, inter alia, tal-mudell ta' sigurtà tal-fruntieri tal-erba' livelli u l-analiżi tar-riskju integrat tal-Unjoni Ewropea. | tas-sigurtà interna tal-UE, għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri, li tinkludi l-miżuri kollha dwar il-politika, il-leġiżlazzjoni, il-kooperazzjoni sistematika, id-distribuzzjoni tal-piż, il-persunal, it-tagħmir u t-teknoloġija meħudin f'livelli differenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jaġixxu f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Frontex, ma' terzi pajjiżi u, fejn meħtieġ, ma' atturi oħra, bl-użu, inter alia, tal-mudell ta' sigurtà tal-fruntieri tal-erba' livelli u l-analiżi tar-riskju integrat tal-Unjoni Ewropea. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Għandu jinkludi l-appoġġ għall-miżuri nazzjonali u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-viża u attivitajiet oħra ta' qabel il-fruntieri li jsiru qabel il-kontrolli tal-fruntieri esterni. Il-ġestjoni effiċjenti ta' attivitajiet organizzati mis-servizzi tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi hija fl-interess tal-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta livelli li għandha l-għan li tiffaċilita ***l-ivvjaġġar leġittimu*** u ***tittratta*** l-immigrazzjoni irregolari fl-Unjoni *Ewropea*, u tikkostitwixxi parti integrali mis-sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri. | (16) Għandu jinkludi l-appoġġ għall-miżuri nazzjonali u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-viża u attivitajiet oħra ta' qabel il-fruntieri li jsiru qabel il-kontrolli tal-fruntieri esterni***, b'mod partikolari dawk li jorganizzaw u jiffaċilitaw il-migrazzjoni regolari u l-mobilità***. Il-ġestjoni effiċjenti ta' attivitajiet organizzati mis-servizzi tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi hija fl-interess tal-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta livelli li għandha l-għan li ***toffri servizz ta' kwalità għolja liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, torganizza u*** tiffaċilita ***l-migrazzjoni regolari*** u ***l-mobilità u tipprevjeni*** l-immigrazzjoni irregolari fl-Unjoni, u tikkostitwixxi parti integrali mis-sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Dan l-istrument għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp mill-Unjoni *Ewropea* ta' sistemi tal-IT li jarmaw l-Istati Membri bl-għodod biex jiġġestixxu l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri b'mod aktar effiċjenti u biex jiżguraw identifikazzjoni u verifika ***aħjar*** tal-vjaġġaturi ("fruntieri intelliġenti"). B'dan il-għan, għandu jiġi stabbilit programm li l-għan tiegħu huwa li jkopri l-ispejjeż għall-iżvilupp kemm tal-komponenti ċentrali kif ukoll dawk nazzjonali ta' dan it-tip ta' sistemi, li jiżgura konsistenza teknika, iffrankar u implimentazzjoni bla xkiel fl-Istati Membri. | (18) Dan l-istrument għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp mill-Unjoni ta' sistemi tal-IT li jarmaw l-Istati Membri bl-għodod biex jiġġestixxu l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri b'mod aktar effiċjenti u biex jiżguraw identifikazzjoni u verifika ***aktar effikaċi*** tal-vjaġġaturi ("fruntieri intelliġenti")***, u b'hekk tissaħħaħ is-sigurtà mal-fruntieri u jinħolqu impatti ekonomiċi pożittivi***. B'dan il-għan, għandu jiġi stabbilit programm li l-għan tiegħu huwa li jkopri l-ispejjeż għall-iżvilupp kemm tal-komponenti ċentrali kif ukoll dawk nazzjonali ta' dan it-tip ta' sistemi, li jiżgura konsistenza teknika, iffrankar u implimentazzjoni bla xkiel fl-Istati Membri. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Sabiex tiġi indirizzata pressjoni migratorja mhux prevista u ***theddid*** għas-sigurtà tal-fruntieri għandu jkun possibbli li tiġi provduta assistenza ta' emerġenza f'konformità mal-qafas stabbilit fir-Regolament … 2012/UE li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi. | (19) Sabiex tiġi indirizzata pressjoni migratorja mhux prevista u ***sfidi*** għas-sigurtà tal-fruntieri għandu jkun possibbli li tiġi provduta assistenza ta' emerġenza f'konformità mal-qafas stabbilit fir-Regolament … 2012/UE li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u ġlieda kontra l-kriminalità ***organizzata***, u l-ġestjoni tal-kriżi. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (20) Barra minn hekk, fl-interess tas-solidarjetà msaħħa fiż-żona Schengen b'mod sħiħ, meta jiġu identifikati nuqqasijiet jew ***theddid*** possibbli, b'mod partikolari wara evalwazzjoni ta' Schengen, l-Istat Membru kkonċernat għandu jsegwihom b'mod adegwat bl-użu tar-riżorsi taħt il-programmi tiegħu skont il-prijorità, fejn applikabbli, fejn jikkomplimenta l-azzjonijiet ta' emerġenza. | (20) Barra minn hekk, fl-interess tas-solidarjetà msaħħa fiż-żona Schengen b'mod sħiħ, meta jiġu identifikati nuqqasijiet jew ***sfidi*** possibbli, b'mod partikolari wara evalwazzjoni ta' Schengen, l-Istat Membru kkonċernat għandu jsegwihom b'mod adegwat bl-użu tar-riżorsi taħt il-programmi tiegħu skont il-prijorità, fejn applikabbli, fejn jikkomplimenta l-azzjonijiet ta' emerġenza. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (24) Bl-istess mod, l-ambitu tal-azzjonijiet u l-limitu għar-riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-UE ("azzjonijiet tal-Unjoni") għandhom jiżdiedu biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li twettaq f'sena baġitarja partikolari bosta attivitajiet fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-politika komuni dwar il-viża fl-interess tal-Unjoni kollha, meta u sakemm jinħolqu l-ħtiġijiet. Azzjonijiet tal-Unjoni bħal dawn jinkludu studji u proġetti pilota biex titkompla l-politika u l-applikazzjoni tagħha, miżuri jew arranġamenti fil-pajjiżi terzi li ***jindirizzaw il-pressjonijiet migratorji*** minn dawk il-pajjiżi fl-interess tal-ġestjoni ottimali tal-flussi migratorji fl-UE u organizzazzjoni effiċjenti tal-inkarigi relatati fil- fruntieri esterni u l-konsulati. | (24) Bl-istess mod, l-ambitu tal-azzjonijiet u l-limitu għar-riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-UE ("azzjonijiet tal-Unjoni") għandhom jiżdiedu biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li twettaq f'sena baġitarja partikolari bosta attivitajiet fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-politika komuni dwar il-viża fl-interess tal-Unjoni kollha, meta u sakemm jinħolqu l-ħtiġijiet. Azzjonijiet tal-Unjoni bħal dawn jinkludu studji u proġetti pilota biex titkompla l-politika u l-applikazzjoni tagħha, miżuri jew arranġamenti fil-pajjiżi terzi li ***jorganizzaw u jiffaċilitaw il-migrazzjoni regolari u l-mobilità*** minn dawk il-pajjiżi fl-interess tal-ġestjoni ottimali tal-flussi migratorji fl-UE u organizzazzjoni effiċjenti tal-inkarigi relatati fil- fruntieri esterni u l-konsulati. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (25) Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz ta' dan l-Istrument għandhom jittieħdu f'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra *l-UE* appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati***. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajnuna esterna****. Se tiġi żgurata*** wkoll il-koerenza mal-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza. | (25) Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz ta' dan l-Istrument għandhom ***jikkonformaw ma' normi u standards almenu ekwivalenti għal dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluż meta l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sseħħ fit-territorju ta' dawk il-pajjiżi. Dawk il-miżuri għandhom*** jittieħdu f'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra *l-Unjoni* appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati ***u jkun jeħtieġ il-qbil tad-dipartimenti rilevanti tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna****.* ***Għandhom jiġu żgurati*** wkoll il-koerenza ***u l-komplementarjetà*** mal-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ea) 'riskju' tfisser fattur li jolqot jew li hu mistenni li jolqot il-kwalità tal-kontroll fil-fruntieri esterni, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni kif ukoll l-aċċess effikaċi għat-territorju tal-Istati Membri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jikkontribwixxi biex jiżgura ***livell għoli*** ta' ***sigurtà*** fl-Unjoni *Ewropea*. | 1. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jikkontribwixxi biex jiżgura ***kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u*** ta' ***kwalità għolja filwaqt li jorganizza u jiffaċilita migrazzjoni regolari u mobilità f'ambjent sigur*** fl-Unjoni***, filwaqt li jiżgura li jinżamm l-impenn tal-Unjoni għal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem***. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fi ħdan l-objettiv ġenerali stabbilit fl-ewwel paragrafu, l-Istrument għandu jikkontribwixxi - skont il-prijoritajiet definiti fl-Istrateġiji, programmi valutazzjonijiet ***tat-theddid u*** tar-riskju relevanti *tal-UE* - għal dawn l-objettivi speċifiċi: | 2. Fi ħdan l-objettiv ġenerali stabbilit fl-ewwel paragrafu, l-Istrument għandu jikkontribwixxi - skont il-prijoritajiet definiti fl-Istrateġiji, programmi ***u*** valutazzjonijiet tar-riskju relevanti *tal-Unjoni* - għal dawn l-objettivi speċifiċi: |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-appoġġ għal politika komuni dwar il-viża ***għall-iffaċilitar tal-ivjaġġar leġittimu***, l-iżgurar tat-trattament ugwali ta' ċittadini minn pajjiżi terzi u ***l-indirizzar*** tal-migrazzjoni irregolari | (a) l-appoġġ għal politika komuni dwar il-viża ***għall-organizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-migrazzjoni regolari u l-mobilità***, ***l-għoti ta' servizz ta' kwalità għolja lill-applikanti għall-viżi,*** l-iżgurar tat-trattament ugwali ***u dinjituż*** ta' ċittadini minn pajjiżi terzi u ***l-prevenzjoni*** tal-migrazzjoni irregolari |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, in-numru ta' postijiet konsulari mgħammra, sikuri u/jew *imtejjba* biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet dwar il-viżi u ***jipprovdu kwalità*** ta' ***servizz għall-applikanti għall-viżi***. | Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, in-numru ta' postijiet konsulari mgħammra, sikuri u/jew *imtejba* biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet dwar il-viżi u ***n-numru*** ta' ***ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiksbu viżi relatat man-numru ta' applikanti***. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-appoġġ ta' ġestjoni għall-fruntieri, biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell għoli ta' ***protezzjoni*** tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen | (b) l-appoġġ ta' ġestjoni għall-fruntieri, biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell għoli ta' ***kontroll*** tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, ***l-iżvilupp*** ta' ***tagħmir għall-kontrol tal-fruntieri u l-qbid ta'*** ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni fil-korrispondenza mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna. | Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, ***il-qbid*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni fil-korrispondenza mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna ***u n-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu regolarment l-istess taqsima tal-fruntiera esterna***. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-asil fil-fruntieri esterni sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għat-territorju tal-Istati Membri u għall-proċedura ta' reġistrazzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, skont il-prinċipju ta' non-refoulement*** |
| | ***L-ilħiq ta' dan l-objettiv għandu jitkejjel fuq indikaturi bħal, inter alia, in-numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-fruntieri esterni, in-numru ta' daħliet fit-territorju tal-Istati Membri u n-numru ta' reġistrazzjonijiet fil-fruntieri esterni.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar ta' kooperazzjoni bejn l-aġenziji bejn awtoritajiet tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni tal-identità; | (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar ta' kooperazzjoni bejn l-aġenziji bejn awtoritajiet tal-migrazzjoni***, tal-asil*** u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni tal-identità; |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira, inkluża l-kooperazzjoni *konsulari*; | (c) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira, inkluża l-kooperazzjoni *konsolari* ***u l-kopertura konsolari, bl-użu sħiħ tat-titjib prattiku u tal-flessibilità offruti mill-Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 (Kodiċi dwar il-Viżi)***; |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-twaqqif u t-tmexxija ta' sistemi tal-IT, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u tagħmir li jappoġġja ***l-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri*** esterni tal-Unjoni; | (d) it-twaqqif u t-tmexxija ta' sistemi tal-IT, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u tagħmir li jappoġġja ***l-kontroll tal-qsim fil-fruntieri*** esterni tal-Unjoni ***u jirrispetta b'mod sħiħ il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali***; |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) it-titjib tal-kapaċità u tal-kwalifiki tal-awtoritajiet kollha u tal-gwardji mal-fruntieri li joperaw f'punti ta' qsim tal-fruntiera fir-rigward tat-twettiq tal-ħidmiet ta' sorveljanza, konsulenza u kontroll tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-UE dwar il-fruntieri u l-viża, inkluż il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ta' Schengen; | (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-UE dwar il-fruntieri***, l-asil*** u l-viża, inkluż il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ta' Schengen; |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li joperaw f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward. | (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li joperaw f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward***, f'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-politika barranija tal-Unjoni u suġġett għall-qbil min-naħa tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-infrastrutturi, il-bini u t-tagħmir operattiv meħtieġ għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viżi ***u*** l-kooperazzjoni *konsulari*; | (d) l-infrastrutturi, il-bini u t-tagħmir operattiv meħtieġ għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viżi***,*** l-kooperazzjoni *konsolari* ***u azzjonijiet oħra mmirati biex itejbu l-kwalità tas-servizz lill-applikanti għall-viżi***; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-infrastrutturi u t-tagħmir operattiv meħtieġa għall-akkoljenza u r-reġistrazzjoni ta' dawk li jfittxu l-asil li jitolbu protezzjoni internazzjonali meta jaqsmu fruntiera esterna;*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) it-taħriġ rigward l-użu ta' sistemi relatati u l-promozzjoni ta' standards ta' ġestjoni ta' kwalità;*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq il-bażi tar-rapport, il-Kummissjoni għandha tiddetermina liema Stati Membri se jirċievu l-ammont addizzjonali. Dawk l-Istati Membri li għandhom livell ta' ***theddid*** akbar meta mqabbel ***mal-livell ta' theddid stabbilit*** għall-kalkolu magħmula għas-sena tal-baġit 2013 taħt id-Deċiżjoni 574/2007/KE ser jirċievu riżorsi addizzjonali pro rata. | Fuq il-bażi tar-rapport, ***u wara li tinforma lill-Parlament Ewropew,*** il-Kummissjoni għandha tiddetermina liema Stati Membri se jirċievu l-ammont addizzjonali. Dawk l-Istati Membri li għandhom livell ta' ***riskju*** akbar meta mqabbel ***mar-riskji identifkati*** għall-kalkolu magħmula għas-sena tal-baġit 2013 taħt id-Deċiżjoni 574/2007/KE ser jirċievu riżorsi addizzjonali pro rata. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-fruntieri marittimi esterni għandhom ifissru l-limitu estern tal-baħar territorjali tal-Istati Membri kif definit skont l-Artikoli 4 sa 16 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar *il-Liġi* tal-Baħar. Madankollu, ***f'każijiet*** fejn ikunu meħtieġa operazzjonijiet ta' medda twila fuq bażi regolari ***sabiex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari/dħul illegali***, dan ***għandu*** jkun il-limitu estern ***ta' żoni ta' theddid għoli***. Dan għandu jkun determinat billi titqies id-dejta relevanti dwar dawn l-operazzjonijiet fl-2014-2016 kif ipprovdut mill-Istati Membri inkwistjoni. | (b) il-fruntieri marittimi esterni għandhom ifissru l-limitu estern tal-baħar territorjali tal-Istati Membri kif definit skont l-Artikoli 4 sa 16 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar *id-Dritt* tal-Baħar. Madankollu, fejn ikunu meħtieġa operazzjonijiet ta' medda twila fuq bażi regolari ***fil-każ ta' riskju għoli***, dan ***jista'*** jkun il-limitu estern ***taż-żona kontigwa kif definit skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar***. Dan għandu jkun determinat billi titqies id-dejta relevanti dwar dawn l-operazzjonijiet fl-2014-2016 kif ipprovdut mill-Istati Membri inkwistjoni. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kapaċità eżistenti fil-livell nazzjonali ***fil-ġestjoni*** tal-fruntieri esterni***, filwaqt li jitqiesu inter alia teknoloġija ġdida, żviluppi u/jew standards fir-rigward tal-ġestjoni tal-flussi migratorji***; | (b) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kapaċità eżistenti fil-livell nazzjonali ***fir-rigward tal-politika tal-viżi u l-ġestjoni*** tal-fruntieri esterni; |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġestjoni tal-flussi migratorji minn servizzi konsulari u oħrajn tal-Istat Membru f'pajjiżi terzi, bil-ħsieb li ***jkun iffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu lejn*** u ssir prevenzjoni | (c) l-appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġestjoni tal-flussi migratorji minn servizzi konsulari u oħrajn tal-Istat Membru f'pajjiżi terzi ***f'konformità sħiħa mal-politika barranija tal-Unjoni***, bil-ħsieb li ***jkunu organizzati*** u ***ffaċilitati l-*** |

| | |
|---|---|
| tal-migrazzjoni irregolari fl-Unjoni; | ***migrazzjoni regolari u l-mobilità u*** ssir prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari fl-Unjoni; |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni korretta u uniformi tal-acquis tal-Unjoni dwar il-kontroll tal-fruntieri u l-viża b'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fil-livell Ewropew, kif muri biċ-ċar fir-riżultati stabbiliti fil-qafas tal-mekkaniżmu tal-evalwazzjoni ta' Schengen; | (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni korretta u uniformi tal-acquis tal-Unjoni dwar il-kontroll tal-fruntieri***, l-asil*** u l-viża b'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fil-livell Ewropew, kif muri biċ-ċar fir-riżultati stabbiliti fil-qafas tal-mekkaniżmu tal-evalwazzjoni ta' Schengen; |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) l-iżgurar tal-monitoraġġ effikaċi tar-rispett tal-obbligi internazzjonali u Ewropej, inklużi l-obbligi marbuta mad-drittijiet tal-bniedem, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi u mas-soċjetà ċivili;*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) iż-żieda tal-kapaċità biex ikunu ffaċċjati l-isfidi li ġejjin ***inkluż theddid preżenti u futur u l-pressjonijiet*** fil-fruntieri esterni *tal-Unjoni*, filwaqt li b'mod partikolari jitqies l-analiżi tar-riskju tal-Frontex. | (f) iż-żieda tal-kapaċità biex ikunu ffaċċjati l-isfidi li ġejjin fil-fruntieri esterni, filwaqt li b'mod partikolari jitqies l-analiżi tar-riskju tal-Frontex. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar il-fruntieri u l-viża; | (a) konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar il-fruntieri***, l-asil*** u l-viża; |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen, kif adottat skont ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, l-Istat Membru kkonċernat għandu jeżamina, flimkien mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Frontex, fejn xieraq, kif jiġu indirizzati ***s-sejbiet*** u jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet fil-qafas tal-programm nazzjonali tiegħu. | Wara rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen, kif adottat skont ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, l-Istat Membru kkonċernat għandu jeżamina, flimkien mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Frontex, fejn xieraq, kif jiġu indirizzati ***n-nuqqasijiet*** u jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet fil-qafas tal-programm nazzjonali tiegħu. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fi djalogu mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Frontex, fejn xieraq, ***hu*** għandu jalloka mill-ġdid ir-riżorsi taħt il-programm tiegħu, inkluż, fejn meħtieġ, dawk programmati għall-appoġġ operattiv, u/jew jintroduċi jew jemenda azzjonijiet li għandhom l-għan li jirrimedjaw għan-nuqqasijiet skont is-sejbiet u r- | ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-finanzjamenti tal-azzjonijiet korrettivi.*** Fi djalogu mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Frontex, fejn xieraq, ***l-Istat Membru kkonċernat*** għandu jalloka mill-ġdid ir-riżorsi taħt il-programm tiegħu, inkluż, fejn meħtieġ, dawk programmati għall-appoġġ operattiv, u/jew jintroduċi jew jemenda |

| | |
|---|---|
| rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen. | azzjonijiet li għandhom l-għan li jirrimedjaw għan-nuqqasijiet skont is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen. ***Kull spiża addizzjonali għandha tkun eliġibbli għal finanzjament fl-ambitu ta' dan l-Istrument.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jappoġġjaw il-miżuri preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' appoġġ amministrattiv u tekniku**,** ta' evalwazzjoni, ***ta' verifika u ta' kontroll meħtieġa*** għall-implimentazzjoni tal-politiki ***appoġġjati mill-Istrument***, inkluż għall-implimentazzjoni tal-governanza ta' Schengen kif determinat mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru ... dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen biex tkun ivverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen; | (a) jappoġġjaw il-miżuri preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' appoġġ amministrattiv u tekniku ***għall-iżvilupp*** ta' ***mekkaniżmu ta'*** evalwazzjoni, ***meħtieġ*** għall-implimentazzjoni tal-politiki ***dwar il-fruntieri esterni***, ***l-asil u l-viżi*** – inkluż ***rigward il-konformità mal-obbligi marbuta mad-drittijiet tal-bniedem u mad-dritt umanitarju – , inkluż*** għall-implimentazzjoni tal-governanza ta' Schengen kif determinat mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru ... dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen biex tkun ivverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) itejbu l-għarfien u fehim tas-sitwazzjoni prevalenti fl-Istati Membri permezz ta' analiżi, evalwazzjoni u monitoraġġ mill-qrib tal-politiki; | (b) itejbu l-għarfien u fehim tas-sitwazzjoni prevalenti fl-Istati Membri ***u filpajjiżi terzi*** permezz ta' analiżi, evalwazzjoni u monitoraġġ mill-qrib tal-politiki; |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jappoġġjaw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-objettivi tal-politika tal-Unjoni fl-Istati Membri, u jevalwaw l-effikaċja u l-impatt tagħhom; | (d) jappoġġjaw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-objettivi tal-politika tal-Unjoni fl-Istati Membri, u jevalwaw l-effikaċja u l-impatt tagħhom***, inkluż fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali***; |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jappoġġjaw l-evalwazzjoni tal-politiki dwar il-fruntieri esterni, l-asil u l-viżi minn organizzazzjonijiet indipendenti, notevolment permezz ta' stħarriġiet kwalitattivi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' awtoritajiet rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki;*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jappoġġjaw proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi u/jew teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibbiltà lejn Stati Membri oħra, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw proġetti ta' riċerka; | (h) jappoġġjaw proġetti partikolarment innovattivi***, partikolarment rigward il-migrazzjoni regolari u l-mobilità,*** li jiżviluppaw metodi u/jew teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibbiltà lejn Stati Membri oħra, speċjalment proġetti li |

| | |
|---|---|
| | għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw proġetti ta' riċerka; |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Objettiv 1 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *– **spiża** tal-personal* | *– **spejjeż** tal-persunal**, inkluż għat-taħriġ*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Objettiv 2 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *– **spiża** tal-personal* | *– **spejjeż** tal-persunal**, inkluż għat-taħriġ*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Objettiv 3 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *– **spiża** tal-personal* | *– **spejjeż** tal-persunal**, inkluż għat-taħriġ*** |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-Fond għas-Sigurtà Interna - Fruntieri esterni u viżi |
| **Referenzi** | COM(2011)0750 – C7-0441/2011 – 2011/0365(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE<br>15.12.2011 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>15.12.2011 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Hélène Flautre<br>6.3.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 29.5.2012 11.7.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 6.9.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 36<br>–: 6<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Frieda Brepoels, Elmar Brok, Mário David, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Ioannis Kasoulides, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, María Muñiz De Urquiza, Raimon Obiols, Ria Oomen-Ruijten, Pier Antonio Panzeri, Mirosław Piotrowski, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Nikolaos Salavrakos, György Schöpflin, Werner Schulz, Adrian Severin, Marek Siwiec, Charles Tannock, Geoffrey Van Orden, Karim Zéribi |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Charalampos Angourakis, Andrew Duff, Tanja Fajon, Hélène Flautre, Emilio Menéndez del Valle, Jean Roatta, Carmen Romero López, Helmut Scholz, Indrek Tarand, Ivo Vajgl |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Georgios Papanikolaou, Sophocles Sophocleous |